DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-2 ta' Mejju 2011

li taħtar membru Bulgaru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

(2011/268/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 302 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Gvern Bulgaru,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-13 ta' Settembru 2010 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/570/UE, Euratom li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2010 sal-20 ta' Settembru 2015 [1].

(2) Post ta' membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew sar vakanti wara t-tmiem tal-mandat tas-Sur Jeliazko CHRISTOV.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Ivan KOKALOV, *Vice-President of КНСБ (CITUB, Confederation of Independent Trade Unions of Bulgaria)*, huwa b'dan maħtur bħala membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-20 ta' Settembru 2015.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Mejju 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

MARTONYI J.

[1] ĠU L 251, 25.9.2010, p. 8.